**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 70**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 22 ta' Awwissu 2017 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **PREŻENTI:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.**

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Paul Grech u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**70.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 69**

70..2.1 Il-minuti tas-seduta numru 69 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 69

** Il-Kunsillier Stephen Borg daħal għal-laqgħa fis-7.20 ta' filgħaxija.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni PA/06044/17 – Żvillupp ta' *Grand Hotel Verdala*. Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li ssir laqgħa mal-iżviluppatur is-Sur Angelo Xuereb, flimkien mal-perit tal-Kunsill sabiex jiġi diskuss dan l-iżvilupp f'aktar dettal. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. Applikazzjoni PA/06044/17 – Żvillupp ta' *Grand Hotel Verdala*

70.3.2 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru 50/0842/17 mibgħuta mis-Sur Chris Bugeja fejn qed jitlob laqgħa mal-Kunsill dwar l-applikazzjoni PA/06044/17 – Żvillupp ta' *Grand Hotel Verdala*. Huwa qal li qabel l-Kunsill ikun jista jilqa din it-talba kif ukoll jikkommetti ruħu, l-ewwel l-Kunsill irrid jiltaq mal-iżviluppatur sabiex jiġi diskuss l-proġett f'aktar dettal. Talba għall-laqgħa dwar applikazzjoni PA/06044/17 – Żvillupp ta' *Grand Hotel Verdala*

70.3.3 Is-Sindku informa l-laqgħa li l-laqgħa mal-kuntrattur tac-*CCTV cameras* kienet saret. Hu qal li ma kienx possibli li issiru 25 *CCTV camera* madwar il-lokalità minħabba l-ispisa finanzjara involuta. Għaldaqstant huwa ppropona li għalissa jsiru 3 *CCTV cameras.* Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu ittieħed vot li għadda b'sitt voti favur u astensjoni waħda. *CCTV cameras*

70.3.4 Is-Sindku nforma l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Organizzazzjoni Volontarja *Natalis Notabilis*, fejn qegħdin jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi diskussa fid-dettal l-attività bl-isem ta' *Natalis Notabilis 2017.* Talba għall-laqgħa mingħand l-Organizzazzjoni Volontarja *Natalis Notabilis*

Il-Kunsill unanimamnet qabel li jilqa din it-talba.

**70.4 Ċirkulari Numru 21/2017 - Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017**

70.4.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 21/2017 - Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017. Wara diskussjoni li saret l-Kunsill unanimament qabel li jikkonsidra din l-inizjattiva. Ċirkulari Numru 21/2017 - Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017

**70.5 Ċirkulari Numru 22/2017 - Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità - Librerij**

**Lokali/Reġjonali**

70.5.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Ċirkulari 22/2017 - Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali/Reġjonali. Huwa qal li l-Gvern Ċentrali kien ser jerġa' jagħti għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli li għandhom devoluta lilhom librerija lokali jew reġjonali. Liema għajnuna ser tkun ekwivalenti għan-nefqa li ser joħroġ il-Kunsill mill-allokazzjoni tiegħu.

Ċirkulari Numru 22/2017 - Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità - Libreriji Lokali/Reġjonali

Is-Sindku ppropona li n-nefqa mill-allokazzjoni tal-Kunsill għal din l-iskema għandha tkun ta' €800. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.6 Problema tad-dawl f'Mistrah Anton Aguis**

70.6.1 Wara diversi lmenti li irċieva l-Kunsill dwar il-problema tad-dawl f'Misraħ Anton Aguis, il-Kunsill ikkunsidra l-istima tax-xogħlijet involuti.

Problema tad-dawl f'Mistrah Anton Aguis

Fuq proposta tal-Kunsillier Ian Vassallo, issekondata mis-Sindku Charles Azzopardi, il-Kunsill unanimament approva li issiru x-xogħlijet meħtiega.

**70.7 Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/T/0163/17**

70.7.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 - Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-*Opening Staff* tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-*Opening Staff* għall-għażla tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/T/0163/17

*PO/OS* - Is-Sra Fabienne Vassallo
*PO/OS* - Is-Sra Victoria Privitera

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.8 Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/T/0163/17**

70.8.1 Skont kif mitlub fid-Direttiva Numru 1/2016 – Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*), is-Sindku ppropona li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill, ikun kompost kif ġej:

Ħatra tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni għall-għażla tal-offerta għat-Tindif tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill – RLC/T/0163/17

Ċerpersin *PO/ESR* – Is-Sna Orietta Cardona
Membru *PO/ES* – Is-Sindku Charles Azzopardi
Membru *PO/ES* – Is-Sur Andrew Mallia
Membru *PO/ES* – Is-Sna Janice Dingli
Segretarju *PO/ES* - Is-Sra Roberta Galea

Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**70.9 Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita – RLC/T/150/15**

70.9.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/150/15 għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda

Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fi Triq Santa Rita – RLC/T/150/15

**70.10 Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun – RLC/T/151/15**

70.10.1 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/151/15 għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għat-Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun – RLC/T/151/15

**70.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru 35**

70.11.1 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija, seduti numru 35 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro issekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija – Seduta numru 35

**70.12 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

70.12.1 B'referenza għall-pagament bin-numru 9678 dovut lis-Sur Joseph Azzopardi il-Kunsill ma qabilx li japprova dan il-pagament peress li l-*planters* imkissra li kien hemm f'Misraħ Anton Aguis baqgħu ma nġabrux minn dan il-kuntrattur kif mitlub mill-Kunsill.

Pagament numru 9678

70.12.2 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 272 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija skeda tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 272

**70.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

70.13.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

70.13.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.47 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum .............................. ........... ta'.......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| **Charles Azzopardi**<br>**Sindku** | **Orietta Cardona**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |